# MALTA MISSJUNARJA – L-10 PARTI



Mons. Ġużeppi Darmanin - waqqaf tal-Crociata Missionaria San Paolo.

**Inkomplu naqraw mill-imgħoddi**

**Il-Kruċjata[1] Missjunarja San Pawl:** Kien ir-Rettur il-Mons. Ġużeppi Darmanin[2] (1880-1942), li fuq il-kliem ta' Ġesù *"Morru għallmu 'l-ġnus kollha"*, imqanqal minn spirtu tassew missjunarju li jrid il-ġid fil-qasam ta' Kristu, ġabar l-istudenti tas-Seminarju u ħeġġiġhom biex jiffurmaw soċjetà Missjunarja. Ġie ffurmat kumitat, bis-seminarista Anton Cilia bħala president u semmewha Crociata Missionaria San Paolo. Dis-soċjetà, imwaqqfa fit-18 ta' Novembru 1928, ħabirket biex jinfetaħ l-Uffiċċju Missjunarju tal-Belt, minn fejn Mons. Zammit beda jsemmi l-Opra tal-Kleru Indiġenu ma' Malta kollha. Kienet hi wkoll li waqqfet il-perjodiku Malta Missjunarja. L-iskop ewlieni tas-soċjetà kien li ddarri s-seminaristi jkollhom spirtu missjunarju u li tgħin il-Missjonijiet b'kull mod possibbli. Il-Kruċjata kellha sehem kbir fit-tixrid taż-żelu missjunarju f'Malta: waqqfet ix-Xirka Maltija Missjunarja Studenti (1931) – għaqda ta' studenti, bniet u subien, tal-klassijiet għolja tal-Iskejjel Sekondarji u tal-Università, biex tistudja l-problemi soċjali, reliġjużi u kattoliċi li jolqtu l-iżjed il-missjonijiet u tipprova tagħti soluzzjoni għalihom, ir-rivista Malta Missjunarja (1932), u daħħlet f'Malta l-Unjoni Missjunarja tal-Kleru bil-permess tal-Isqof (1933) (Sena XXII, Jannar 1954, nru 1, pp. 1-2).

Bil-ħsieb li dejjem tikber il-ħidma tax-Xirka Maltija Missjunarja Studenti tas-Seminarju (X.M.M.S.) u li jinxtered l-interess u l-istudju Missjunarju (Sena XV, Diċembru 1947, nru 12, p. 220), fl-1947 is-St. Paul's Missionary

---

[1] Storikament, din kienet spedizzjoni ta' ġellieda nsara li riedu mill-ġdid il-qabar ta' Kristu taħt idejhom. Iżda fil-kuntest tagħna din tfisser biss kampanja għar-rebħa ta' xi ideal, kontra l-ħażen eċċ., jew sempliċiment azzjoni pubblika għall-kisba ta' xi drittijiet jew ġid komuni.

[2] Twieled l-Isla minn Salvu u Marija Glavino. Ordna saċerdot fl-1906. Waqqaf dar tad-duttrina għaż-żgħażagħ (1909) u l-fergħa tal-A.K. li fiha, ta' kull sena, kienu jittellgħu drammi twal tal-Passjoni mill-pinna tiegħu. Ifforma parti mill-kumitat inkarigat mill-inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina (1921). Għalliem f'diversi suġġetti fl-Istitut ta' San Pawl u fl-Istitut Tekniku 'Vincenzo Bugeja'. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija serva bħala kappillan militari tal-King's Own Malta Regiment. Kien Viċi- (1922-23) u mbagħad Rettur (1925-31) fis-Seminarju tal-Imdina, fejn kien jgħallem ukoll it-Teoloġija Morali. Kien hawn fejn waqqaf is-Saint Paul's Missonary Crusade. Kien ukoll inkarigat mill-ispezzjonar tat-tagħlim reliġjuż fl-iskejjel elementari governattivi. Bħala kappillan tal-ħabs, kien waqqaf ukoll librerija għat-tagħlim tal-priġunieri. Kittieb t'artikli varji. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija kien refuġjat, flimkien ma' familtu, Għawdex, fejn miet u ndifen fil-knisja ta' Sta Barbara, taħt il-Katidral. Fl-1946, fdalijietu nġarru għaċ-ċimiterju tal-Addolorata.



Dun Anton Xiberras liebes is-suttana u fuqha, il-filjurun, bis-salib fi ħżiemu, lest għall-kruċjata missjunarja.

Crusade tas-Seminarju, għal tliet snin konsekuttivi, nediet Kompetizzjoni ta' Komponimenti Missjunarji għall-istudenti (subien) tal-iskejjel Sekondarji. Fil-konkors tal-'47 ngħataw tliet komponimenti minn fejn wieħed seta' jagħżel: (1) L-Istudent u l-Missjonijiet; (2) Il-Milied fil-Missjonijiet; (3) It-Tluq ta' Missjunarju, jonkella jikteb novella missjunarja. Il-komponimnet/novella, mhux itwal minn 600 kelma riedu jaslu għand is-segretarju tal-Kruċjata Missjunarja San Pawl sa nofs Diċembru. Ir-riżultati u l-premjijiet ngħataw fil-Kungress tax-X.M.M.S. li kien sar fil-Kulleġġ ta' S. Lwiġi, B'Kara ftit wara l-Milied, bil-komponimenti ppremjati jidhru fil-MM. L-eżaminaturi kienu Mons. Anton Cilia, direttur Djoċesan tal-Opri Pontifiċji, u l-Kumitat tas-St. Paul's Missionary Crusade. Carmelo Mallia mis-Seminarju ta' Malta ġie l-ewwel bin-novella Mill-Ħolm għall-Ħajja (Sena XVI, Frar 1948, nru 2, pp. 19-20) u rebaħ Qalb ta' Ġesù artistiku. Fit-tieni post ġie Paul Mallia (1923-2005) mil-Liċeo, Class V E bin-novella Taħt Sema Safi, f'Lejl il-Milied (Sena XVI, Frar 1948, nru 2, pp. 27-8) u rebaħ kartiera sabiħa tal-ġilda. It-tielet premju mar għand Carmelo Scicluna mil-Liċeo t'Għawdex, Klassi IV, bin-novella Tluq ta' Missjunarju (Sena XVI, Mar. 1948, nru 3, p. 37) u rebaħ il-Complete Works ta' Shakespeare. It-Tluq ta' Missjunarju (Sena XVI, Apr. 1948, nru 4, p. 54) ta' Pawlu Aquilina ġiet fir-raba' post. L-ewwel tliet rebbieħa kienu lkoll mil-Liċeo, kważi tal-istess età u mir-raba' klassi.

L-avviż għat-tieni kompetizzjoni ta' komponimenti organizzat mill-Kruċjata Missjunarja S. Pawl deher f'paġna 182 (Sena XVI, Diċ. 1948, nru 12). In-novella missjunarja ma kellhiex tkun itwal minn 800 kelma, bil-kompetizzjoni tagħlaq fil-15 ta' Diċembru. Ir-riżultati u l-premjijiet ingħataw fil-Kungress tax-X.M.M.S. li sar fil-Kulleġġ ta' S. Lwiġi, B'Kara fit-30 ta' Diċembru. Bħas-soltu, il-bord tal-eżaminaturi kien magħmul mid-Direttur Djoċesan tal-Opri Pontifiċji u l-Kumitat tas-St. Paul's Missionary Crusade. Kif kien wiegħed l-editur, l-aħjar komponimenti li nkitbu dehru fil-perjodiku fl-ewwel xhur tal-1949. In-novella Tlieta Kienu Mn'Alla (Sena XVII, Frar 1949, nru 2, pp. 19-21) ta' Carmelo

[3] Poeta u prożatur imwieled Ħal Qormi. Studja fis-Seminarju, il-Filosofija fi Franza, kiseb Dottorat fil-Letteratura f'Sussex, fin-Naturopatija [mediċina alternattiva] fl-Anglo-American Institute of Drugless Therapy, l-Iskozja; promotur tal-lingwa Esperantista f'Malta.



ESSAY COMPETITION

Bil-ħsieb li dejjem tikber il-ħidma tax-"Xirka Maltija Missjunarja Studenti" li jixtered l-interess u l-istudju Missjunarju, is-St. Paul's Missionary Crusade" tas-Seminarju sejra torganizza "Essay-Competition missjunarja". Jistgħu jidħlu għal din il-"Competition" l-istudenti (subien) ta' l-Iskejjel Sekondarji.

Tinkiteb NOVELLA MISSJUNARJA ta' mhux iktar minn 800 kelma.

Min jidħol għall-"Competition" irid joqgħod għal dawn ir-regoli :-

Għall-eżaminaturi . 1) irid jagħti n-nom de plume, l-età w l-klassi.

Għall-informazzjoni tas-Segretrju : 1) irid jagħti fuq karta separata ismu, n-nom de plume, fejn joqgħod, l-isem tal-iskola fejn imur, il-klassi w l-età.

2) Il-"Competition" tagħlaq fil-15 ta' Diċembru 1948.

3) Id-deċiżjoni ta' l-Eżaminaturi hija finali.

4) In-Novelli jintbagħtu lis-Segretarju, "St. Paul's Missionary Crusade", Is-Seminarju. Floriana.

Parti mill-avviż tat-tieni gara mnedija mix-X.M.M.S li deher f'MM ta' Diċembru 1948.

Galea S. minn Klassi IV E ġiet fl-ewwel post u biha rebaħ il-Complete Works ta' Shakespeare. Fit-tieni post ġiet in-novella Tfixkil u Rebħ (Sena XVII, Marzu 1949, nru 3, pp. 55-6), kitba ta' Gius Abela (17-il sena), Liċeo (Malta) u biha rebaħ il-Concise Oxford Dictionary. It-tielet premju ma nafux għand min mar, jekk dejjem ingħata, peress li n-novella tiegħu ma dehritx u li setgħet rebbħitu l-ktieb Meditations for Lay Folk.

L-avviż għat-tielet Kompetizzjoni ta' Komponimenti Missjunarji organizzat mill-Kruċjata Missjunarja San Pawl deher f'paġna 184 (Sena XVII, Diċembru 1949, nru 12). Bħas-snin ta' qabel il-konkors kien miftuħ għall-istudenti subien tal-iskejjel tas-Sekondarja. Dawk il-klassijiet tas-VI u l-V sena [Sezzjoni A] setgħu jagħżlu wieħed minn tliet komponimenti ta' mhux aktar minn 600 kelma: (1) Il-Missjunarju jiċħad l-imħabba biex isir iħobb; (2) How can we students help the Missions?; (3) Il vostro missionario ideale. Il-klassijiet tar-IV u t-III sena [Sezzjoni B] ukoll kellhom għażla ta' tliet komponimenti minn fejn setgħu jagħżlu li jiktbu ta' mhux aktar minn 400 kelma: (1) Id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom il-Missjunarju; (2) A day in a Mission Station; (3) Do you think that the missions are of great importance for the spreading of Christ's Kingdom? Why?

Sezzjoni Ċ kienet tinkludi l-klassijiet tat-II u l-ewwel sena, kif ukoll tal-Preparatorja fejn setgħu jagħżlu wieħed minn erba' komponimenti ta' mhux aktar minn 200 kelma: (1) Ittra ta' tifel lil Missjunarju; (2) Kieku kont tifel Ċiniż u tiltaqa' għall-ewwel darba ma' Missjunarju xi ħsebijiet jgħaddu minn moħħok?: (3) Christmas day among a group of Indian Catholics; (4) Write a short story about an African boy who was converted by a missionary. Il-kompetizzjoni għalqet fil-15 ta' Diċembru. Għal xi raġuni ma kienu tħabbru l-ebda riżultati u ma dehru l-ebda komponimenti fir-rivista ħlief għal Imħabba Miċħuda b'Imħabba (Sena XVIII, Marzu 1950. Nru 3, pp. 41-2) ta' Ġużi Abela ta' Klassi V. Dan il-komponiment kien inqara fil-Konkors tax-Xirka Maltija Missjunarja Studenti. ■

---

[4] Imwieled Ħaż-Żabbar, Abela emigra l-Awstralja fl-1952 wara li ħadem ta' skrivan fit-Tarzna. Ordna qassis [Dun Ġużepp] (1960) iżda ħalla s-saċerdozju biex iżżewweġ lil Carol Parkes (1969). Beda jxandar fuq ir-radju (1975) u waqqaf il-Malta Literature Group (1979). Irnexxielu jdaħħal it-tagħlim tal-lingwa Maltija fl-Awstralja fil-livelli kollha minn dak primarju sa dak terzjarju. Bħala kittieb ta' poeżiji, novelli u komponimenti ġie ppremjat diversi drabi għall-kitbiet letterarji f'antoloġiji u f'diversi rivisti.